# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.6

## Kap 5: Ngħinu bil-qalb!

## Lezzjoni 5.6: Ġesu jqatta' l-ġurnata magħna

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu x'għamel Ġesù mad-dixxipli ta' Emmaus meta kienu fit-triq.
2. Jiddiskutu x'għamel Ġesù fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.
3. Jifhmu u jirrevedu kif Ġesù qiegħed magħna wkoll fl-Ewkaristija.

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni *(power point)* : L-Aħħar Ċena u l-Quddiesa
- Karta ta' Taħriġ: 5.5
- DVD: L-Aħħar Ċena

  https://www.youtube.com/watch?v=CP6NDeJYD1k
- Kanzunetta: Jista' xi ħadd

  https://www.youtube.com/watch?v=Sk6NdPcwoO8



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti x'jiftakru mill-lezzjoni ta' qabel.
- Aċċetta risposti bħal: Id-dixxipli kienu mdejqin; Riedu lil Ġesù jqum mill-mewt; Lil Ġesù lanqas għarfuh; Ġesù kien magħhom.



## Nisimgħu flimkien (Il-qofol tal-lezzjoni)

- Uri l-*powerpoint presentation* u enfasizza l-punt li Ġesù tant iħobbna li ried jibqa' magħna fl-Ewkaristija. Il-ppp qiegħda biex l-istudenti jaraw eżattament x'isir waqt din iċ-ċelebrazzjoni u li Ġesù, permezz tal-Ewkaristija, qed jibqa' magħna kuljum.
- Stieden li-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.5 u spjega s-silta mogħtija. Fakkar li Ġesù qiegħed magħna wkoll permezz tan-nies ta' madwarna.
- Spjega Attività 1 u bħala klassi ddiskuti kif Ġesù qed jiltaqa' magħna wkoll bħalma ltaqa' mad-dixxipli ta' Emmaus.
- It-tweġibiet jridu jkunu:
    - Ġesù spjegalhom – immur l-iskola u l-għalliema......
    - Ġesù fakkarhom – kien hemm inċident u ftakart......
    - Ġesù qasam il-ħobż magħhom – Stephanie ġabe ċikkulata.......

- Spjega Attivita 2 u iddiskuti flimkien mal-klassi liema minn dawk mogħtija qed jgħinni nsir aħjar.
- Iddiskuti Attivita 3 u enfasizza l-punt tal-importanza tal-għajnuna lin-nanniet
- Spiċċa l-lezzjoni bil-kanzunetta: *Jista' xi ħadd*

https://www.youtube.com/watch?v=Sk6NdPcwoO8



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù jiltaqa' magħna permezz tal-ġenituri tagħna.
2. Ġesù jispjegalna permez tal-għalliema kollha tagħna.
3. Ġesù jfakkarna permezz tal-katekisti tagħna.
4. Ġesù jkun magħna meta nirċevuh fl-Ewkaristija.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jgħinu lil xulxin għaliex iridu jkun Ġesù għal sħabhom.




**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Link: L-Aħħar Ċena

  https://www.youtube.com/watch?v=CP6NDeJYD1k

- Kanzunetta: Jista' xi ħadd

  https://www.youtube.com/watch?v=Sk6NdPcwoO8



**Nitolbu:**

O Ġesù, grazzi talli tajtna lilek innifsek permezz tal-Ewkaristija ħalli tibqa' dejjem magħna f'ħajjitna. Nixtieq nirċevik aktar ta' spiss ħalli nħossok iktar dejjem miegħi.

